MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## GIOVANNI GRIXTI

Seduta tad-9 ta' Mejju, 2003

Numru 359/2003

**Il-Pulizija**
**(Spettur Mario Bonello)**

**vs**

**Christopher Demicoli**

**Seduta tal-lum 09 ta' Mejju, 2003.**

Il-Qorti

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra Christopher Demicoli ta' 24 sena, bin Dominic u Theresa *nee'* Mercieca, imwieled il-Pieta' fid-09 ta' Lulju, 1978, residenti 158, Victory Street, Hamrun, detentur tal-karta ta' l-identita numru 338378M;

Akkuzat talli fil-21 t'April, 2003, ghall-habta tal-10.00p.m., fil-Hamrun hebbejt ghal Rianne Sammut u kkagunajtilha

griehi ta' natura gravi skond kif iccertifikat Dr. Moira Grech M.D. mill-Isptar San Luqa;

U aktar talli fl-istess zmien, hin, lok u cirkostanzi volontarjament ksirt il-bon ordni u l-paci pubblika b'ghajjat u glied jew b'xi mod iehor;

U aktar talli fl-istess zmien, hin, lok u cirkostanzi hebbejt kontra Rianne Sammut sabiex tingurjha, iddejjaqha jew taghmel hsara lil din il-persuna;

Il-Qorti hija mitluba li minbarra li tapplika il-piena skond il-Ligi biex tipprovdi ghas-sigurta' ta' Rianne Sammut torbot lill-imsemmi Christopher Demicoli b'obbligazzjoni tieghu nnifsu taht penali li l-Onorabbli Qorti jidhrilha xierqa.

Rat il-kunssens ta' l-Avukat Generali skond l-Art. 370(4) Kap 9 sabiex din il-kawza tkun trattatat u deciza bil-procedura sommarja.

Rat illi l-imputat rregistra n-nuqqas ta' oggezzjoni tieghu sabiex il-kawzi tkun tratta u deciza bl-istess procedura.

Semghet l-ammissjoni tal-imputat.

Ezaminat l-atti tal-kawza.

Fuq ammissjoni ssib lill-imputat hati.

Rat l-art 218 (1) (a), 338 (dd), 339 (1) (d).

Wara li rat il-fedina penali tal-imputat u tilliberrah bilkundizzjoni illi ma jaghmilx rejat iehor sa zmien sentejn mil-lum skond l-art 22 tal-Kap 446.

Inoltre tobbligah ma jimmollestax u\jew ma jdejjaqx lil Rianne Sammut fuq penali ta' Lm100 (multa) fin-nuqqas ghal zmien sena mil-lum skond l-art 383 tal-Kap 9.

Il-Qorti spjegat l-obbligi ta’ l-imputat imposti fuqu b’din is-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------